MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 494/2014

**Joseph PSAILA [ID. Nru. 456889M]**

**Vs**

**Erika VELLA [ID. Nru. 438186M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-24 ta' Lulju, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimata thallsu s-somma ta' elf mija u ghaxar euro [€1,110] u dan wara li ppremetta hekk:

> "It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenuta thalla slill-attur is-somma ta' elf mija u ghaxar euro (€1,110) rappresentanti din is-somma self li l-attur silef lill-konvenuta brevi manu.

Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imghax u l-konvenuta ngunta in subizzjoni".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fl-14 ta' Awwissu, 2014 u li ma dehritx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti li kkonferma bil-gurament tieghu aghha li l-ammont reklamat fit-Talba ghadu dovut mill-intimata.

Ra li r-rikorrenti talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra l-atti;

Semgha x-xhieda;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' €1,110 rapprezentanti din is-somma self maghmul lill-intimata brevi manu.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti xehed llum stess li l-ammont reklamat minnu ta' elf mija u ghaxar euro [€1,110] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimata giet notifikata fl-14 ta' Awwissu, 2014 u baqghet ma dehritx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Wara li semgha x-xhieda mressqa, t-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf mija u ghaxar euro [€1,110] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' l-ittra uffiċjali maghmula a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta mir-rikorrenti kontra l-intimata sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta' l-imsemmija ittra uffiċjali, huma kollha a kariku tal-intimata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------